# Meta Tlifthom

*Ta'* Ġer. Azzopardi

MISKIN, dik kienet l-aħħar mixja li għamel nhar il-festa tal-Qalb ta' Ġesù, li f'dak iż-żmien kienet ġa ssir b'devozzjoni u pompa kbira f'raħal twelidi. Missieri, bħas-soltu, kien mar ikanta fuq l-orgni waqt il-Għasar u bħala fratell tas-Sagrament hu ħa sehem fil-purċissjoni, u mbokka riħ bil-kif. Dan ma kienx riħ ta' biċ-ċajt għaliex sa tmint ijiem wara — nhar San Lwiġi — hu kien mar għand Alla, li tul għomru hu dejjem għamel mili-ahjar biex jobdiħ, u aħna għaxart itfal sfajna ltiema u ommi armla!...

Nittakar lil ħuti l-kbar igħiduli, meta tfarfart, li kont noqgħod fil-bieb nistenna lit-'tata' ġej mix-xogħol ħalli jerfagħni u nbusu u nbus xbieha tan-Nazzarenu, li kienet imdendla wara l-bieb ta' barra u li waqt li kienu ħerġin bih keliħom jiftħuli t-tebut biex inbusu. Missieri ma kienx xi sinjur, kien ħaddiem bħall-kotra tal-bnedmin u ma keliu l-ebda sold fuq ir-riħ. Ħuti l-kbar li kienu s-Seminarju kellhom iwarrbu l-vokazzjoni tassaċerdozju u jmiddu għonqhom għax-xogħol biex iżommu 'l ommi — li kienet saret qisha d-Duluri — u lilna. Hija Ninu mill-iskola sab ruħu mgħallem, lavrant, kaxxier u pjazzista, imma d-destin kien kiefer magħna. Il-ħasda bikrija ta' missieri, il-ħsieb kiefer ta' but vojt li jrid ilaħħaq ma' familja kbira, it-tbiq ta' l-istonku li jġib miegħu l-inkwiet nissel debbulizza li mwieżna b'komplikazzjoni ta' l-intern xeħtu lil ommi f'qiegħ ta' sodda.

Kien f'dan iż-żmien li hi ħolmot li rat lil missieri f'karrozzin liebes sabiħ u kuntent wieqaf quddiem il-bieb u "Pawl", qalilha, "jien ġejt għalik, qiegħed kuntent ħafna u rridek taqsam miegħi fil-hena kif qsamt miegħi fit-tbatija". "U t-tfal x'nagħmlu bihom Ġuż", weġbitu ommi. "Issa mmorru weħedna u minn hawn u ftit ieħor n'eħdu wieħed miċ-ċkejknin", u ma' dawn il-kelmiet hu għab minn quddiem għajnejn ommi li stenbhet mifxula u kompliet għamlet f'qalbha. Ftit wara, sewwa sew fil-ħdax ta' fil-għodu tal-ħdax-il jum tal-ħdax-il xahar tas-sena tal-Kongress OMMI — dik li tant ferħet bija fi twelidi — marret biex, kif kienet temmen hi u kif nemmnu aħna, uliedha, tingħaqad ma' dawk li f'żgħożitha hija għażlet bħala sieħeb tagħha ħalli flimkien igawdu l-glorja tal-Ġenna.

Mal-mawra tal-ġenituri beda l-isfrattu tal-familja. Mal-mewt ta' ommi aħna ngħbarna maz-zijiet, oħti l-kbira marret soru, ħuti l-kbar bdew jaħdmu t-Tarzna, l-oħrajn li kienu mlaħħqin kienu jaħdmu minn sbiħ Alla sa ma jidlam, waqt li aħna ż-żgħar la kellna biex u lanqas żmien nilagħbu. Il-mard ma naqasx, il-faqar kiber, waqt li l-għali u l-inkwiet jidħlu kullimkien! Hija ta' qabli miet fi żmien l-Ispanjola, ħija l-kbir u oħti marru lejn l-Amerika biex qatt ma rajniehom iżjed. F'dan iż-żmien ħallejna liz-zijiet u rgajna' morna noqogħdu f'dar twelidi. Li kelli nsemmi l-kalvarju kollu li minnu għaddejna ma nispiċċa qatt. Il-lum minn tlettax bqajna biss erba', iżda dejjem ngħidu "tkun magħmula r-rieda tiegħek, o Sinjur!..."

Il-lum meta nara tfal iltiema f'qalbi nħoss bħal għoqla li ma nistax infissirha u tigini xewqa li ma nistax intemmha, l-għaliex l-iltim hu dejjem iltim, iżda l-iżjed meta jkun fqir.